

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 506/2014**tal-15 ta' Mejju 2014****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-Etil lawrojl arġinat bħala preservattiv f'ċerti prodotti tal-laħam ittrattati bis-sħana****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 14 u l-Artikolu 30(5) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽³⁾ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (3) Il-lista tal-Unjoni u l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li tkun saret applikazzjoni.
- (4) Fil-5 ta' Mejju 2006, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-Etil lawrojl arġinat bħala preservattiv f'diversi kategoriji ta' ikel. L-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (5) B'riżultat ta' dan, f'April 2007, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) evalwat is-sikurezza tal-użu tal-Etil lawrojl arġinat bħala preservattiv u allokat Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) ta' 0,5 mg/kg ta' piż tal-ġisem ⁽⁴⁾. Stimi konservattivi tal-esponiment għas-sustanza, kemm fl-adulti kif ukoll fit-tfal, issuġġerew li x'aktarx l-ADI tinqabeż fil-livelli ta' użu massimu propost għal diversi kategoriji ta' ikel.
- (6) Wara dawn il-konklużjonijiet, l-applikant irrevoda l-użi tiegħu u l-livelli tal-użu u talab awtorizzazzjoni tal-użu fil-prodotti tal-laħam ittrattati bis-sħana. FLulju 2013 l-Awtorità ppubblikat dikjarazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-esponiment raffinat tal-Etil lawrojl arġinat abbażi tal-użi proposti riveduti tiegħu bħala addittiv tal-ikel ⁽⁵⁾, u kkonkludiet li l-esponiment għal gruppi kollha tal-popolazzjoni huwa taħt id-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) ta' 0,5 mg/kg bw/jum.
- (7) Hemm il-ħtieġa teknoloġika li jintuża l-Etil lawrojl arġinat bħala preservattiv fi prodotti tal-laħam ittrattati bis-sħana sabiex titjieb il-kwalità mikrobijoloġika ta' dawk il-prodotti, inkluża l-inibizzjoni tat-tkabbir ta' mikroorganiżmi li jagħmlu l-ħsara bħal-*Listeria monocytogenes*. Billi l-użu tal-Etil lawrojl arġinat fi prodotti tal-laħam ittrattati bis-sħana jgħin biex tinżamm il-kwalità u s-sikurezza tagħhom, huwa xieraq li l-użu tiegħu fi prodotti tal-laħam ittrattati bis-sħana jkun awtorizzat u li jkun assenjat in-numru E 243 għal dak l-addittiv tal-ikel.

⁽¹⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.⁽²⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 83, 22.3.2012, p. 1).⁽⁴⁾ *The EFSA Journal* (2007) 511, p. 1.⁽⁵⁾ *The EFSA Journal* 2013; 11(6):3294.

- (8) L-ispeċifikazzjonijiet għall-Etil lawrojl arġinat (E 243) għandhom jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 231/2012 meta jkunu inklużi fil-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għall-ewwel darba.
- (9) Għaldaqstant ir-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 għandhom jiġu emendati kif xieraq.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti B, il-punt 3 “L-addittivi għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa” l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għal E 242 dikarbonat tad-dimetil:

“E 243	Etil lawrojl arġinat”
--------	-----------------------

- (2) Fil-Parti E, fil-kategorija tal-ikel 08.2.2 “Laħam ipproċessat ittrattat bis-sħana”, tiddaħħal l-entrata li ġejja

“E 243	Etil lawrojl arġinat	160	Ħliet zalzett emulsifikat, zalzett affumikat u pejst tal-fwied”
--------	----------------------	-----	-----------------------------------------------------------------

ANNEX II

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel E 242:

“E 243 ETIL LAWROJL ARĠINAT

Sinonimi	Ester etiliku tal-arġinat lawriku; ester etiliku tal-arġinina lawrammida; etil-Na-lawrojl-L-arġinat HCl; LAE;
Definizzjoni	L-Etil lawrojl arġinat jiġi sinteżizzat bl-estrikkazzjoni tal-arġinina bl-etanol, segwita bir-reazzjoni tal-ester mal-klorur tal-lawrojl. L-Etil lawrojl arġinat li jirriżulta jiġi rku-prat bħala l-melħ tal-idroklorur, li jiġi ffiltrat u mnixxef.
ELINCS	434-630-6
Isem kimiku	etil-Na-dodekanojl-L-arġinat HCl
Formula kimika	C20H41N4O3Cl
Piż Molekolari:	421.02
Test	Mhux inqas minn 85 % u mhux aktar minn 95 %
Deskrizzjoni	Trab abjad
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Solubbli liberament fl-ilma, fl-etanol, fil-glikol tal-propilen u fil-gliċerol
Purità	
Na-Lawrojl-L-arġinina	Mhux iktar minn 3 %
Aċidu lawriku	Mhux iktar minn 5 %
Lawrat tal-etil	Mhux iktar minn 3 %
L-Arġinina-HCl	Mhux iktar minn 1 %
Arġinat tal-etil 2HCl	Mhux iktar minn 1 %
Ċomb	Mhux aktar minn 1 mg/kg
Arseniku	Mhux aktar minn 3 mg/kg
Kadmju	Mhux aktar minn 1 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 1 mg/kg”